**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Simon Cassar**

**William Brigulio**

**Carmelo Zammit**

**Carmel Sghendo**

**Jurgen Sghendo**

**Ezekiel-Gorg Mintoff**

**Kumpilazzjoni numru 311/2017**

**Illum il-Gimgha, erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati:

(a) **Simon Cassar,** iben Maria Dolores nee Cassar, imwieled Attard, Malta nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 1979 u residenti Ent. E., Flat 4, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 157379(M);

(b) **William Briguglio,** iben Charles u Maria nee Tabone, imwieled Pieta nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru 1984 u residenti 197, Flat 2B, Triq ir-Repubblika, Valletta, Malta detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 4158(M);

(c) **Carmelo Zammit** iben Alfred u Helen nee Said, imwieled Pieta, Malta nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April 1964 u residenti 3rd Floor No 1, Kamarata Building, Triq Merkanti, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 238564(M);

(d) **Carmel Sghendo** iben Andrea u Victoria nee Sandham, imwieled Pieta, Malta nhar il-hmistax (15) ta' Novembru 1966 u residenti 176, Bini tal-Gvern, Flat 5, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 501466(M);

(e) **Jurgen Sghendo** iben Carmel u Carmen nee Borg, imwieled Pieta nhar it-tlettax (13) ta' Gunju 1990 u residenti 176, Flat 5, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 290690(M);

(f) **Ezekiel-Gorg Mintoff** iben Francis u Theresa nee Carr, imwieled Pieta, Malta nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju 1994 u residenti 45, Triq Guze Pace, Santa Venera detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 282494(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer fill-21 ta' Mejju 2017, bejn is-sitta u nofs ta' filghodu u is-sebgha u ghaxra ta' filghaxija (06:30am-7:10am) gewwa Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u Ali Alhasan (Artikoli 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Fl-istess data, lok , hin u cirkostanzi qajmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu omicidju jew offiza fuq il-persuni ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u Ali Alhasan (Artikolu 238 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Fl-istess data, lok,hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hadmu bhala agenzija ta' gwardjani privat jew bhala gwardjani privati jew hekk offrew is-servizzi taghhom, minghajr ma kellhom licenzja skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap 389;

Lil Simon Cassar, Carmelo Zammit u Jurgen Sghendo wehidhom talli :

5. Irrendew ruhhom recidivi ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f' kaz ta' htija tipprovdi ghall-garanzija ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u Ali Alhasan (Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 333*) datata 11 ta' April 2018 li permezz taghha baghat lill-imputati Simon Cassar, William Briguglio Carmelo Zammit, Carmel Sghendo, Jurgen Sghendo u Ezekiel-Gorg Mintoff biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht is-segwenti artikoli:

Fir-Rigward ta' Simon Cassar wahdu:

- Fl-Artikoli 214, 215, 217 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 238 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338 (dd) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412 C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-Rigward ta' William Briguglio wahdu:

- Fl-Artikoli 214, 215, 217 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 238 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338 (dd) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412 C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-Rigward ta' Carmelo Zammit wahdu:

- Fl-Artikoli 214, 215, 217 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 238 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338 (dd) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412 C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-Rigward ta' Carmel Sghendo wahdu:

- Fl-Artikoli 214, 215, 217 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikolu 238 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338 (dd) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412 C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta

Fir-Rigward ta' Jurgen Sghendo wahdu:

- Fl-Artikoli 214, 215, 217 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 238 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338 (dd) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412 C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-Rigward ta' Ezekiel-Gorg Mintoff wahdu:

- Fl-Artikoli 214, 215, 217 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 238 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338 (dd) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412 C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-tmienja (8) ta' Mejju 2018 (*a fol. 336)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-hdax (11) ta' April 2018;

Rat illi fl-istess seduta tat-tmienja (8) ta' Mejju 2018 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz wkoll ix-xhieda li gew prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni prezentata fis-sebgha (7) ta' Marzu 2019 (Fol 362 et seq tal-process).

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-imputat Carmel Zammit prezentata fis-sebgha (7) ta' Marzu 2019 (*a fol. 364 et seq.)* tal-imputat Simon Cassar prezentata fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2019 (*a fol. 369 et seq.),* tal-imputat Ezekiel-Gorg Mintoff prezentata fl-ewwel (1) ta' April 2019 (*a fol.*380 *et seq*.), tal-imputat William Briguglio prezentata wkoll fl-ewwel (1) ta' April 2019 (*a fol.*398 *et seq*.) u finalment tal-imputati Carmel Sghendo u Jurgen Sghendo prezentata fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2019 (*a fol.*410 *et seq*.),

Ikkunsidrat:

**Dritt tal-espressjoni tal-kelma u mhux abbuz mid-dritt**

Dan il-kaz wasal quddiem din il-Qorti minhabba rapport fil-media u anke xxandar filmat dwar l-allegat incident li sehh f'Paceville. Il-Qorti theggeg li jkun hawn aktar gurnalizmu investigativ ghaliex dan huwa importanti hafna f'socjeta' demokratika.

F'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu li jiddeciedu l-kawzi fi Triq ir-Repubblika 'l barra mill-kolonni tal-bini tal-Qorti jew fuq il-mezzi tax-xandir.

Ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

Illi tajjeb li gudikant meta jkun qieghed jiddeciedi jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-gudikant mhux qieghed hemm sabiex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu finalment decizi. U dan jaghmluh ghaliex jafu li m'hu se jkun hemm l-ebda twegiba ghal dak li jghidu, nkluz fejn hemm abbuz mid-dritt tal-espressjoni hielsa tal-kelma ghaliex gudikant ikollu jibqa' jsoffri fis-silenzju ghax hu prekluz

bil-Kodici tal-Etika li jwiegeb ghall-attakki ingusti, insulti u malafama li jsiru.

Il-Qorti tirreferi ghad-diskors li ghamel il-President tar-Repubblika Taljan Sergio Mattarella fil-25 ta' Settembru 2018 lil Consiglio Superiore della Magistratura:

> *L'attenzione e la sensibilità agli effetti della comunicazione non significa – come tante volte è stato ricordato in tante sedi- orientare le decisioni giudiziarie secondo le pressioni mediatiche né, tanto meno, pensare di dover difendere pubblicamente le decisioni assunte.* ***La magistratura, infatti, non deve rispondere alle opinioni correnti perché è soggetta soltanto alla legge.*** *Sono invece doverose la credibilità e la trasparenza del suo agire, che possono essere rafforzate anche da un'adeguata comunicazione istituzionale.* [Enfasi ta' din il-Qorti.]

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fejn intqal:

> **"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process".**

Il-Qorti tinnota dak li qal Lord Diplock fil-kaz **Horrocks v. Lowe**[1] li:

> *"In ordinary life it is rare indeed for people to form their beliefs by a process of logical deduction from facts ascertained by a rigorous search for all available evidence and a judicious assessment of its probative value. In greater or in less degree according to their temperaments, their training, their intelligence, they are swayed by prejudice, rely on intuition instead of reasoning, leap to conclusions on inadequate evidence and fail to recognise the cogency of material which might cast doubt on the validity of the conclusions they reach."*

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[2] dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

[1] Horrocks v. Lowe [1975] A.C. 135, 149
[2] R v. Sargeant (1974) 60 Cr. App. R. 74

- ***RIJASSUNT TAX-XHIEDA LI INGHATAT***

L-**Ispettur Trevor Micallef** (*a fol* 105 et. seq.) xehed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2017 kien gie infurmat mis-Surgent PS 1540 Edmond Fenech li zewg persuni ta' nazzjonalita barranija kienu sfaw imsawta fi Triq San Gorg, San Giljan. Dawn gew identifikati bhala Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi bil-karta tal-identita numru 67387(A) u Ali Alhasan bil-karta tal-identita numru 143465(A). X'hin il-Pulizija waslu fuq il-post wiehed minnhom kien mitluf minn sensieh. It-tnejn li huma ittiehdu l-isptar ghall-kura. Waqt Ii kienu l-isptar huma gew mitkellma mis-Surgent PS 1540 fejn sostnew mieghu li kienu gew aggrediti minn ghaxar (10) bouncers. Meta imbaghad wara li hargu mill-Isptar gew mitkellma mix-xhud dawn qalu li setghu kienu hmistax (15) jew ghoxrin (20) bouncer li kienu hebbew ghalihom.

Ix-xhud eleva xi footages ta' cameras li kienu qeghdin fis-sit tal-incident. Fil-kamera tal-istabbiliment Axis, ix-xhud indika li deher parti mill-incident. Spjega li fil-filmat kien jidher lil Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi ikellem xi securities. Jidher li kien qieghed ikellem lil Carmelo Zammit u lil xi hadd iehor. F'hin minnhom William Briguglio jigi minn wara Sami Mahmud u tah daqqa bic-catt fuq rasu. Fil-pront Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi dar u mar security iehor Ezekiel Gorg Mintoff li beda jaghtih bis-sieq u bil-ponn u tefghu minn tulu fl-art mitluf minn sensieh. Il-feriti li soffrew il-vittmi kienu gew certifikati li huma gravi. L-Ispettur talab l-assistenza ta' xi nies biex jigu identifikati s-suspettati u anke ghamel ricerka mar-ritratti li l-

Pulizija ghandhom fir-Registru tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali. L-Ispettur kien rega' baghat ghall-vittmi fejn hadilhom dikjarazzjoni u anke wriehom xi ritratti fejn l-istess vittmi gharfu wkoll xi persuni li kienu involuti fl-incident.

**<u>In kontro-ezami</u>** l-Ispettur spjega li l-filmati li huwa kien eleva kienu tal-istabbilimenti Havana, Passion u Axis. Ikkonferma li identification parades ma kinux saru u li l-imputati kienu gharfu lill-imputati mir-ritratti li kien wriehom. L-Ispettur specifika wkoll li wiehed mill-vittmi kien anke wrieh ritratt ta' wiehed mill-akkuzati, precizament ta' Simon Cassar, liema ritratt il-vittma kien qallu li gabu minn fuq il-footage tal-PBS. Ix-xhud ikkonferma li Simon Cassar kien jidher fil-footage. L-Ispettur kompla jghid li l-vittmi ma kienu involuti fl-ebda glieda qabel ma sehh l-incident. Spjega li l-vittmi qalulu li kienu sejrin id-dar, raw in-nies dehlin il-Clique u semghu xi muzika. Ippruvaw jidhlu izda zammewhom fil-bieb u bdew isawtuhom. L-Ispettur ikkonferma wkoll li lill-vittimi huwa kien kellimhom bil-Malti. Meta ingibditlu l-attenzjoni li fil-footage il-vittmi kienu gia jidhru bid-demm, l-Ispettur wiegeb li dawn kienu gia qalghu x-xebgha.

L-Ispettur ikkonferma wkoll li r-rapport originali ma dahalx mill-vittmi u x'hin il-Pulizija marru fuq il-post il-vittmi kienu ghadhom m'ghamlu l-ebda rapport. Spjega wkoll li kienet il-Pulizija li marret l-isptar u kellmet lill-vittmi. Sa dak il-hin li l-Pulizija bdew jitolbu c-CCTVs, identifikazzjoni jew fattizzi tal-imputati huwa ma kellux ghaliex il-vittmi ma kienu tawh l-ebda identifikazzjoni. Eventwalment pero l-vittmi identifikaw lill-imputati u abbazi ta' hekk hargu c-

charges.  L-Ispettur stqarr wkoll li lil Ezekiel Mintoff huwa kien identifikah mill-footage ghaliex il-vittmi lanqas biss kienu identifikawh.

Rigward kemm kien hemm nies mal-vittmi, l-Ispettur indika li kienu biss tnejn.  Minn imkien ma deher li kien hemm aktar persuni maghhom.  Fil-footage deher wiehed iehor qieghed jipprova jikkalma s-sitwazzjoni.  Deher qieghed ikellem lis-securities u kif jerga' imbaghad jaqla' xebgha ohra Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u jhalluh imbaghad minn tulu fl-art.  L-Ispettur sostna li l-vittmi ma kinux involuti fi glied bejniethom.  Temm jghid li meta marru fuq il-post, il-persuni sabu liz-zewg vittmi kollha demm u dawn ittiehdu l-Isptar.

Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2017, **l-Ispettur Trevor Micallef** (Fol. 268 ) esebixxa sentenza moghtija fil-konfront ta' Carmelo Zammit, sentenza moghtija fil-konfront ta' Jurgen Sghendo u sentenza moghtija fil-konfront ta' Simon Cassar.

**Fil-kontro-ezami ulterjuri** li sarlu fis-seduta tas-dsatax (19) ta' Novembru 2018 (Fol. 351 et seq), l-Ispettur Trevor Micallef ikkonferma li t-tarag li jidher fir-ritratt numru 116 a fol. 236 kien it-tarag ta' Hugo's Passion.  Hdejn dan l-istabbiliment hemm gentleman's club li pero ma kienx l-istess club li semma x-xhud.  Ix-xhud ikkonferma wkoll li fit-triq fejn sehh l-incident hemm Hugo's Passion, Gentleman's club, stabbiliment iehor, il-Clique u Déjà vu.  Dan fid-direzzjoni 'l fuq lejn il-Burger King.  Wara d-Déjà Vu hemm imbaghad il-Havana.

**<u>Dr David Agius</u>** (Fol. 127 et seq) xehed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2017 bhala specjalista tal-ghajnejn ezamina lil Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi. Spjega li Smadi kellu griehi fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu, li kienu jinkludu nefha u tbengil madwar ghajnejh ix-xellugija. Huwa ma setax icaqlaq ghajnejh sew lejn in-naha ta' fuq u ghalhekk kien qed jara doppju. Kellu wkoll tbengil fuq l-abjad ta' ghajnejh ix-xellugija u minn CT Scan li ittiehed irrizulta li kellu wkoll ksur fuq in-naha tas-socket ta' gewwa ta' ghajnejh ix-xellugija. Dr Agius ikklassifika l-griehi bhala gravi peress li kien hemm ksur fuq in-naha ta' gewwa tal-ghadam.

**<u>Christopher Grech</u>** (Fol. 129 et seq) xehed li huwa l-Managing Director tal-Axis. Spjega li l-Pulizija kienu avvicinawh biex jghaddilhom CCTV footage mill-cameras tal-Axis. Ix-xhud spjega li huwa kien ha hsieb jaghti struzzjonijiet sabiex jingibed il-footage u jithalla fir-reception tal-Eden Leisure. Kompla jghid li hu l-filmat qatt ma rah imma jaf li d-DVD li kien thalla r-reception ingabar mill-Pulizija.

Il-vittma **<u>Sami Mahmoud Ahmad Ali Samadi</u>** xehed fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Awissu 2017 (Fol. 133 et seq) tal-process. Ix-xhud beda biex qal li huwa u siehbu kienu involuti f'incident f'Mejju 2017 ghall-habta ta' bejn il-hamsa (05.00hrs) u s-sitta ta' filghodi (06.00hrs). Spjega li huwa u siehbu kienu sejrin id-dar izda huma u sejrin semghu l-muzika gewwa l-Clique. Kienu sejrin jidhlu u hekk kif kien qieghed jiftah il-bieb biex jidhol, ix-xhud ra wiehed mill-bouncers li kienu jafu u li x-xhud identifika bhala Jurgen Sghendo. Kompla jghid li hekk kif

refa' jdejh biex ixejjirlu hass daqqa minn wara. Imbagahd xi bouncers bdew jaghtuh. Il-bouncers imbaghad bdew gejjin minn kullimkien. Ix-xhud beda jfittex lil siehbu u sadanittant rega' qalaghha minghand bouncer. Ix-xhud indika wkoll lil Carmel Sghendo bhala li kien prezenti waqt l-incident.

Il-vittima kompla jghid li imbaghad laqqat daqqa minn wara. Ma kienx f'posizzjoni li jghid min kien tahielu din id-daqqa, anke ghaliex mad-daqqa beda jistordi. Ma' din id-daqqa beda qisu ha jaqa'. Minhabba d-daqqiet li qala' f'ghajnejh ma kompliex jara. Qal wkoll li huwa gie imsawwat darbtejn fuq xulxin: bl-ewwel daqqa ta' ponn li laqqat huwa storda u waqa'. Kif rega' qam rega' gie imsawwat ghat-tieni darba. Huwa imbaghad storda totalment u jiftakar li giet l-ambulanza li haditu l-Isptar.

Ix-xhud kompla jghid li minhabba din l-aggressjoni huwa soffra griehi f'ghajnu tan-naha tax-xellug kif wkoll f'widintu u li per konsegwenza ta' hekk kien ghadu ma jismax hafna. Fuq in-naha tax-xellug kellu wkoll il-ksur. Soffra wkoll griehi f'imniehru u li meta jorqod qed ihoss hsejjes go imniehru. Ix-xhud ipprezenta wkoll ritratti li juru l-griehi li kien soffra.

**<u>Fil-kontro-ezami</u>** li sarlu fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2018, (Fol 347 et seq) Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi xehed li kien hemm zewg (2) incidenti li bhala hin ma tantx kienu boghod minn xulxin. Fl-ewwel incident huwa waqa' u fit-tieni incident mar biex ifittex lil siehbu Ali. Ghalkemm kienu ma' xulxin, meta n-nies daru mieghu

(cioe ma' Sami) lil Ali ma rahx aktar. Ikkonferma wkoll li z-zewg incident sehhew ftit il-boghod minn xulxin: l-ewwel wiehed fejn il-Clique u l-iehor fejn il-gentleman's club. Il-gentleman's club jinsab bejn il-Clique u l-Havana. Fl-ewwel incident, Sami indarab, waqa' mal-art u imbaghad qam biex ifittex lil siehbu. Mar qrib il-gentleman's club ghax haseb li siehbu kien hemm u li kienu qeghdin isawtuh wkoll. Ix-xhud ikkonferma li fejn il-Clique huwa kien diga' midrub u kellu d-demm fuq il-qmis.

**<u>Ali Alhasan</u>** (*fol* 145 et. seq.) xehed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2017 hu u certu Sami kienu marru San Giljan. Ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu (05.30hrs) hu u siehbu kienu quddiem il-Clique. Ippruvaw jidhlu izda qalulhom li kien maghluq. Kien hemm xi sinjuri li habibu qalilhom "L-ghodwa t-tajba". Dawn irrispondewh lura u fil-pront beda gej is-swat. Bdew isawtuhom xi hmistax (15) -il persuna. Ix-xhud gharaf lill-imputati Simon Cassar, lil Ezekiel Mintoof u lil Jurgen Sghendo. Simon Cassar qabad flixkun u sawtu bi flixkun. Jurgen Sghendo imbuttah ghal go bieb tal-hgieg. Qal li qala' daqqiet f'dahru u gismu kollu. Ix-xhud qal wkoll li l-habib tieghu Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi wkoll laqqat daqqiet. Ix-xhud insista li ma kien sehh l-ebda incident qabel hu u siehbu bdew jaqilghu s-swat. Bhala griehi soffra xi ksur f'dahru, kellu daqqa ta' flixkun f'rasu fin-naha tax-xellug u anke daqqa ta' sikkina f'idu tax-xellug. Huwa imbaghad sab ruhu l-Isptar. Temm jghid li ghadu jsofri minn ugiegh f'dahru.

**In kontro-ezami**, il-vittma ikkonferma li ma kienx hu li cempel lill-Pulizija. Mistoqsi kienx identifika l-persuni li kienu involuti f'dan l-incident mieghu, ix-xhud indika li kien qalilhom li kienu bodyguards u li kienu bejn ghaxra (10) u ghoxrin (20) ruh. Kien indika wkoll li wicchom kien abjad u li kien naqra ohxon. Meta kellem il-Pulizija l-ewwel darba huwa kien ghadu ma rax il-filmati u lanqas ma kien tahom ismijiet jew dettalji dwar l-identifikazzjoni tan-nies. Pero ipprova jaghti deskrizzjoni ta' wicchom lill-Ispettur. Qal wkoll li l-Pulizija ma kinux wrewh ritratti.

**In ri-ezami** pero ikkonferma li l-Pulizija kienet wrietu xi ritratti u ikkonferma wkoll id-dikjarazzjoni li kien irrilaxxa lill-Pulizija.

**Fil-kontro-ezami ulterjuri** x-xhud qal li bil-Malti huwa jifhem ftit biss. Qal wkoll li huwa ma jafx jikteb bil-Malti.

**Ali Alhasan** rega' gie ingunt ghall-kontro-ezami fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2018 (Fol 345 et seq). Huwa ikkonferma li dakinhar tal-21 ta' Mejju 2017 incident wiehed biss kien hemm u mhux tnejn kif suggerit mid-difiza. Qal wkoll li dan l-uniku incident sehh quddiem it-tarag tal-Clique fejn il-bieb, faccata tal-bieb ezatt. Kompla jghid li Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi kien il-hin kollu mieghu. Qabel huma kienu l-Footloose, kienu sejrin id-dar, waslu l-Clique ippruvaw jidhlu u sehh l-incident. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ma kienx faccata tad-disco Passio.

**PC 1919 Alan Sammut** xehed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2017 hu flimkien mas-Surgent PS 1540 Edmondd Fenech kien mar fi Triq San Gorg, San Giljan. Kif wasal hemm sab lil Ali Alhasan fil-bidu tat-triq quddiem il-Footloose mal-art. Ipprova jkellmu izda dan ma kellmux lura. Wara ftit minuti qalulhom li kien hemm xi hadd iehor quddiem il-Clique. Kif mar hemm sab persuna ohra bilqeghda. Kellmu pero huwa ma setax jifhem x'kien qieghed jghidlu. It-tieni wiehed kien Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi. Sadanittant imbaghad waslet l-ambulanza fuq il-post. Il-kuntistabbli temm jghid li huwa ma kienx mar l-Isptar mas-Surgent.

**PS 1157 Bertly Aquilina** (Fo 153 et seq) xehed fuq il-licenzji ta' gwardjani tal-imputati. Spjega li l-imputat Simon Cassar ma kellux licenzja ta' gwardjan privat u qatt ma kien applika ghaliha. William Briguglio kien applika ghal-licenzja izda din kienet giet rifjutata. Rigward Carmelo Zammit dan kien licenzjat bhala gwardjan privat li seta' wkoll jahdem f'postijiet tad-divertiment. Carmelo Sghendo u Jurgen Sghendo kienu licenzjati bhala gwardjani privati biss. Ezekiel Gorg Mintoff kellu licenjza ta' gwardjan privat biss. Din pero kienet skaduta u ma kinitx regghet giet imgedda.

**Dr Martin Bajada** (*a fol* 169et. seq.) gie nominat mill-Qorti sabiex johrog stills mid-DVDs li kienu gew prezentati. Huwa hareg mija u sittax -il still mis-CCTVs li gew esebiti. Dawn l-istills juru mumenti mill-incident mertu ta' din il-kawza.

**<u>PS 1540 Edmond Fenech</u>** (*a fol* 238 et. seq.) xehed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2017 ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu (07.00hrs) dahal rapport l-Ghassa ta' San Giljan fejn il-Pulizija giet infurmata li kienet qieghda isehh glieda quddiem il-Clique. Il-Pulizija mill-ewwel marret fuq il-post u hamsin (50) metru 'l boghod mill-istabbiliment Clique, il-Pulizija sabet persuna fl-art. Huma ippruvaw ikellmuh izda dan ma kellimhomx lura. Giet imsejha l-ambulanza fuq il-post. Sadanittant xi hames jew ghaxar minuti wara, persuna ohra infurmat lill-Pulizija li kienet hemm persuna ohra qieghda fl-art. Is-Surgent nizel jiccekkja u sab persuna ohra u cempel ghall-ambulanza ohra. Hadd miz-zewg persuni ma tkellem. Aktar tard is-Surgent mar l-Isptar Mater Dei fejn huwa tkellem ma' dawn iz-zewg persuni. It-tnejn allegaw li kienu gew imsawwta mill-bouncers u qalu lis-Surgent li kienu lesti li jaghrfuhom. Ghalhekk is-Surgent tahom struzzjonijiet biex hekk kif johorgu mill-Isptar immorru l-Ghassa ta' San Giljan, igibu c-certifikati maghhom halli jkun jista' jigi verifikat jekk dawn kinux sejrin jaghrfu l-aggressuri taghhom u jaghtuh l-ismijiet. Wara li kienu ghaddew jumejn mill-incident u hadd mill-vittmi ma kien mar l-Ghassa, is-Surgent cempel lil Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi fejn dan wiegbu li kien ghadu mugugh u li ma setax imur l-Ghassa. Kompla jghid li l-Ispettur Trevor Micallef wkoll kien beda bl-investigazzjonijiet tieghu wara li kien gie infurmat bil-kaz. Is-Surgent gharaf liz-zewg vittmi u xehed wkoll li meta kien mar fuq il-post tal-incident kien jidher li kelhom griehi gravi. Kellhom diversi daqqiet. Wiehed minnhom kellu ghajnu minfuha sew u iehor kellu daqqa go rasu. It-tnejn li huma kienu storduti u ma kinux jafu x'inhu jigri ezatt.

Ic-certifikati li gew rilaxxati mill-Isptar kienu t-tnejn jindikaw li l-vittmi kienu soffrew griehi gravi.

**Joseph Rivans** (Fol. 246 et seq), manager tal-Havana, spjega li l-Ispettur Trevor Micallef kienu talbu xi CCTV footages tal-istabbiliment. Huwa sab dawn il-footages u ghaddihom lill-Ispettur. In kontro-ezami, ix-xhud spjega li bhala stabbilment tal-Havana huma dejjem ikollhom is-security mal-bieb. Jew ikunu impjegati tal-istabbiliment jew inkella tal-kumpanija li jinkarigaw ghas-sigurta.

**David Vella** (*fol* 255 et. seq.) ikkonferma li kien rcieva talba minghand il-Pulizija biex jghaddi CCTV footage mill-cameras tal-Axis Complex. Huwa kien kellem lill-impjegati tal-kumpanija Alberta, li baghtu t-tekniku taghhom u dan ha hsieb li jaghmel ir-recording li kien gie mitlub. Dan ir-recording imbaghad gie mghoddi lill-Pulizija.

**Mohamed El Hasan** (Fol. 258 et seq) ikkonferma li kien hu flimkien mal-habib tieghu Suleiman Said li hadu r-ritratti tal-griehi ta' Ali Alhasan u Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi. Huwa ikkonferma r-ritratti mehuda minnu esebiti a fol. 138 sa fol. 144 tal-process. Fis-seduta imbaghad tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2017 (Fol. 283) ix-xhud esebixxa sitta u ghoxrin (26) ritratt iehor li fil-bicca l-kbira kien hadhom hu stess.

**Suleiman Said** (Fol. 260 et seq) xehed li huwa ha diversi ritratti tal-griehi tal-vittmi. Ir-ritratti hadhom bil-mobile. Ix-xhud ikkonferma r-ritratti a fol. 139 tal-process. Sostna li kien ha aktar ritratti pero dawn

ir-ritratti ma kinux fil-process. Fis-seduta imbaghad tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2017 (Fol. 286) ix-xhud rega' gie muri aktar ritratti li kienu gew prezentati aktar qabel f' dik is-seduta mix-xhud Mohamed El Hassan u ikkonferma li dawn ir-ritratti kienu ittiehdu minnu u minn Mohamed flimkien.

**Dr Chris Giordimaina** (*a fol* 266 et. seq.) xehed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2017 huwa kien ezamina lil Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi fit-tmienja u nofs ta' filghodu (08.30hrs). Huwa kellu laceration fuq ghajnu tal-lemin u f'haddejh tal-lemin, tbengila madwar ghajnu tax-xellug u imniehru, xufftejn minfuhin, *left orbital* u *periorbital soft tissue emphysema* minhabba ksur fil-*medial orbital wall* u anke ksur fl-imnieher. Ix-xhud ikkonferma li dawn il-griehi kienu ta' natura gravi. Ezamina wkoll lil Ali Alhasan u sab li kellu *laceration over left temple* u griehi ohra li huwa ikklassifika bhala gravi. Ikkonferma wkoll li l-istess Ali Alhasan kellu ksur f'L2 u L3 f'dahru.

**Oscar Mifsud** (*a fol* 288 et. seq.) xehed li huwa jahdem mal-kumpanija Alberta. Spjega li l-imghallem tieghu kien baghtu l-Axis biex jiehu footage mis-sistema tas-CCTV u jghaddih lill-klijent u cioe lis-sidien tal-Axis. Il-filmat kien jirreferi ghall-gurnata tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2017. Il-footage hu ma rahx. Kemm nizzlu u daqshekk.

**Dr Mario Scerri** (*a fol* 296 et. seq.) xehed li huwa kien gie inkarigat mill-Qorti sabiex jezamina lil Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u lil Ali Alhasan. Huwa ezaminahom fis-sittax (16) ta' Jannar 2018. Spjega li dawn kienu qalulu li kienu gew aggrediti f'Paceville fil-wiehed u

ghoxrin (21) ta' Mejju 2017. Il-vittmi spiccaw b'lezjonijiet vizibbli. Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi kellu cikatrici fuq il-mohh rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn blunt trauma u tali cikatrici kienet tidher *from within talking distance*. Kellu wkoll cikatrici ohra fuq in-naha tal-lemin tal-wicc li wkoll kienet rizultat ta' *blunt trauma*. Din ma kinitx tidher daqshekk *from within talking distance*. Kien hemm cikatrici ohra taht l-*eyebrow* tal-lemin. Din wkoll kienet rizultat ta' *blunt trauma* u kienet tidher *from within talking distance*. Dr Scerri ezamina wkoll c-*CT Scan* tal-Isptar u rrizulta li kellu frattura tal-*medial orbit* tal-ghajn il-leminija u anke frattura tan-*nasal bone*. Dawn kienu griehi gravi per durata u kompatibbli ma' blunt trauma. Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi kellu cikatrici ohra fuq in-naha tax-xellug tal-wicc li kienet rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn *blunt trauma* u tidher *from within talking distance*.

Ali Alhasan kellu cikatrici fuq l-aspett laterali tan-naha tax-xellug ta' fuq rasu rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn *blunt trauma*. Din ma kintix tidher *from within talking distance*. Kellu cikatrici fuq l-aspett anterjuri tal-base tal-ewwel sebgha ta' id ix-xellugija rizultat ta' xi incizjoni minn strument li jaqta'. Din ic-cikatrici ghadha u sejra tibqa' vizibbli. Kellu wkoll ksur tal-vertebra tal-irkiekel L2 u L3, li x-xhud sostna li kienu kompatibbli ma' *blunt trauma* vjolenti ta' natura gravi per durata. Il-vittma kien ghadu jbati bl-ugiegh sa dakinhar li Dr Scerri kien ezaminah.

**<u>Dr Martin Bajada</u>** (Fol. 323) rega' xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Marzu 2018. Huwa ipprezenta l-filmati li xxandru mill-PBS b'rabta

ma' dan il-kaz. Dawn il-filmati gew mghoddija lilu minn Reno Bugeja, il-kap tal-Ahbarijiet tal-PBS.

Ikkunsidrat:

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali Generali Applikabbli ghall-Kaz Odjern</u>**

Kif din il-Qorti kellha opportunita li tosserva f'diversi pronuncjamenti taghha, huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer</u>**,[3] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni **<u>hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju</u>** (Enfazi ta' din il-Qorti) Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **<u>Miller v Minister of Pension:</u>** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which*

---

[3] Deciza fil-5 ta' Dicembru 1997

*can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*[4]

Ta' rilevanza wkoll ghall-kaz odjern hija wkoll il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tal-imputati. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Stephen Zammit**[5] kienet tat esposizzjoni tar-regoli li kienu tfasslu mill-Qrati Inglizi fil-kawza **Regina vs Turnbull**. Ghalkemm tali regoli ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, huma ta' linji gwida fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' persuna akkuzata:

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*
>
> *Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came*

[4] 1974 - ALL Er 372
[5] Deciza fis-16 ta' Lulju 1998

*to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the*

*accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*[6]

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Fabio Schembri** deciza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2010, il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-principji legali li ghandhom jirregolaw dik it-tip ta' evidenza li hija klassifikata bhala "real evidence". F'dik is-sentenza il-Qorti ghamlitha cara li gurisprudenza tikkunsidra filmati bhala *real evidence*. Il-Qorti imbaghad ghamlet riferenza ghall-Cross, ***On Evidence*** fejn l-awtur jaghti definizzjoni ta' din ir-real evidence:

> *'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ... Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

[6] Ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ali Ibrahim Wadi (Appell Nru 504/2015) deciza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru 2018.

Cross imbaghad jghaddi sabiex jelenka id-diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" . Fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u jikkummenta:

> *'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'".*

Il-Qorti ghamlet riferenza wkoll ghall-awtur Murphy u l-ktieb tieghu ***'A Practical Approach to Evidence***' (3rd Ed) fejn jiddefinixxi *real evidence* bhala:

> *"A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of*

> *which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. … 'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Murphy jkompli jishaq li: '*The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'."*

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986**), Ralph Gibson LJ ighid:

> *"Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*[7]

Fis-sentenza taghha suriferita Il-Pulizija vs Fabio Schembri, il-Qorti kompliet taghmel riferenza ghall-kaz iehor deciz mill-Qrati Inglizi fl-ismijiet **R vs Murphy and Maguire (1990)**:

> *"Dana kien jitratta dwar filmat li ngibed mill-gholi u cioe' minn helicopter li kien qieghed jittajjar fuq ix-xena tar-reat. Dana il-heli-tele film kif jissejjah ittiehed mill-gholi, ma kienx juri fic-car l-ucuh tal-persuni li gew fotografati u l-Qorti kellha tasal ghal identifikazzjoni minn fatturi ohra u cioe' evidenza ohra li kien hemm fl-atti tal-process. Il-Qorti stqarret: "We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual*

[7] Informazzjoni ikkwotata fis-sentenza suriferita Il-Pulizija vs Fabio Schembri.

*identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting."*

Maghmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra issa tezamina l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju tieghu.

- **<u>L-Artikoli 214, 215 u 218 (1)(a)(b) u (2) tal-Kap. 9</u>**

Fi kliem iz-zewg vittmi l-incident mertu ta' din il-kawza sehh f'zewg partijiet fl-istess triq u bi ftit hin bejn l-ewwel u t-tieni parti tal-istess incident. Il-vittimi kienu ippruvaw jidhlu fl-istabbiliment Clique. Ghal xi raguni dawn ma thallewx jidhlu u f'dan il-punt sehhet l-ewwel aggressjoni fuq iz-zewg vittmi. Din l-ewwel aggressjoni ma inqabdet mill-ebda kamera tas-sigurta. Sussegwentement sehhet it-tieni aggressjoni li fih kien hemm involut biss Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi. Din it-tieni aggressjoni inqabdet u giet rikordjata fuq wahda mill-cameras tas-Sigurta tal-Axis.

## (A) <u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-Ewwel Aggressjoni</u>

In kwantu jirrigwarda Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi, ghalkemm jidher li kien safa aggredit fl-ewwel parti tal-incident ix-xhud ma jispecifikax min kien ezatt li aggredieh f'din l-ewwel parti tal-incident. Ghalkemm fix-xhieda tieghu jindika lil xi whud mill-imputati li kienu prezenti jonqos milli jispecifika u jidentifika ezatt dawk l-imputati li refghu idejh fuqu. Ix-xhieda tieghu ma kinitx cara u min-naha l-ohra l-Pulizija ma ressqet l-ebda xhud okulari ta' din il-parti tal-incident. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax li mill-filmati esebiti gew jidhru diversi nies li possibilment setghu raw l-incidenti jsehhu quddiem ghajnejhom ghax jidhru li qeghdin iharsu lejn xi haga. Il-Pulizija setghu facilment identifikaw dawn in-nies sabiex jitressqu bhala xhieda okulari tal-incident. Dan pero ma sarx u fin-nuqqas ta' xhieda okulari u fin-nuqqas ta' provi din il-Qorti ma tista' tasal ghall-ebda konkluzjoni dwar minn mill-imputati ikkaguna feriti fuq il-persuna ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi f'din l-ewwel parti tal-incident.

Mhux pero l-istess jista' jinghad ghal Ali Alhasan. Fid-deposizzjoni tieghu Ali Alhasan identifika b'mod pozittiv u minghajr esitazzjoni l-persuni li kienu bdew isawtuh:

> *"Interpretu: Ghal habta tal-hamsa u nofs (05.30) bejn wiehed u iehor. Hawnhekk gie s-swat u bdew isawtuna, gew xi kwazi hmistax (15) -il persuna jsawtuna bejn wiehed w iehor.*

*Pros: Taghraf lil xi hadd f'din l-Awla li bdew isawtu ?*

*Interpretu: L-Ewwel Wiehed.*

*Pros: Simon Cassar, jigifieri.*

*Qorti: Ix-xhud qed jindika lill-imputat Simon Cassar.*

*Interpretu: Tan-nuccali.*

*Pros: Ezekiel Mintoff.*

*Xhud: Ir-raba' wiehed.*

*Pros: Ta' hdejh jigifieri, Jurgen.*

*Qorti: U min iktar ?*

*Pros: Mela tan-nuccali, imbaghad Ezekiel, tah hdejh Jurgen u mbaghad aktar ?*

*Interpretu: L-Ewwel wiehed jikkonferma, it-tieni jikkonferma, ir-raba' jikkonferma u t-tielet wkoll jikkonferma, mela qed . . . . ix-xhud erba' (4) min-nies prezenti fil-Qorti prezenti."*[8]

[8] Fol. 146 tal-process.

Ali Alhasan imur oltre u jidentifika wkoll bil-preciz minn mill-imputati ghamel azzjonijiet specifici fil-konfront tieghu: huwa jindika lil Simon Cassar bhala l-persuna li sawtu bi flixkun u lil Jurgen Sghendo bhala l-persuna li imbuttah fil-bieb tal-hgieg. Il-vittma jkompli jispjega li imabghad sawtuh f'dahru u gismu kollu. Din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma lil dan ix-xhud jixhed quddiemha fuq il-pedana tax-xhieda u setghet anke tevalwa l-mod ta' kif xehed. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda esitazzjoni li tqis bhala veritier dak li qal dan ix-xhud. Dan ghaliex l-istess xhud dejjem kien konsistenti fix-xhieda li huwa ta quddiem il-Qorti u anke fil-verzjoni li huwa ta lill-Pulizija dwar min kien aggredieh.[9] Fejn Ali Alhasan ma kienx cert, huwa ma identifikax persuni. Minkejja li jghid li qala' daqqa ta' sikkina (liema ferita Dr Mario Scerri ikkonferma li giet arrekata bi strument li jaqta'), Ali Alhasan jaghmilha cara li huwa ma seta' jidentifika lil hadd bhala li kien ferieh b'din is-sikkina. Dan fl-opinjoni tal-Qorti aktar isahhah il-kredibbilita tal-verzjoni ta' dan ix-xhud.

**<u>Jirrizulta ghalhekk li f'din l-ewwel aggressjoni kienu involuti l-imputati Simon Cassar, Jurgen Sghendo u Ezekiel Mintoff u li per konsegwenza ta' din l-aggressjoni gew ikkagunati feriti fuq il-persuna ta' Ali Alhasan</u>**. Ghalkemm hemm riferenza ghall-imputat iehor li gie indikat bhala li kien involut fl-incident, ma rrizultax bil-preciz minn kien dan ir-raba' imputat.

[9] Ara fol. 116 tal-process, Dikjarazzjoni ta' Ali Alhasan.

## (B) Kunsiderazzjonijiet dwar it-Tieni Aggressjoni

Kif gia sottolineat, din it-tieni aggressjoni issib riskontru fil-filmat esebit bhala Dokument TM 8. Fl-istess filmat jidher il-vittma Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi li qieghed jigi aggredit. Huwa minnu li fix-xhieda tieghu Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi ma jidentifikax il-persuni li aggredewh f'din it-tieni aggressjoni. Pero tali identifikazzjoni tirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Trevor Micallef. Din l-identifkazzjoni l-Ispettur ghamilha abbazi tal-investigazzjonijiet tieghu, li wassluh sabiex eleva l-filmat Dokument TM 8 li gie esebit, liema filmat gie konfermat li huwa wiehed awtentiku u li hareg mill-post fejn kien hemm stazzjonata l-kamera in kwisjtoni. L-Ispettur jispjega li fil-filmat jidher: ***"Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi ikellem lis-securities, kien iqieghed ikellem lil Carmelo Zammit u lil xi hadd iehor, wiehed mis-securities l-ohrajn, jidher William Briguglio jigi minn warajh, jaghtih daqqa bic-catt fuq rasu u kif idur dan Sami Mahmud Ahmad biex jara ghalxiex tahielu hekk imur security iehor Ezekiel u jibda jaghtih bis-sieq u bil-ponn u jitfghu minn tulu fl-art, mitluf minn sensieh."***[10] (Enfazi tal-Qorti).

L-Ispettur wasal ghal din l-identifikazzjoni mill-investigazzjoni li huwa ghamel hekk kif jispjega l-istess Spettur. Infatti huwa jkompli jixhed li:

*"Jiena peress li ma kontx naf is-securities kollha kont tlabt xi assistenza minn ghand xi nies ohra li imbaghad identifikaw is-securities li ma kontx naf min kienu u minhabba l-fatt li l-cameras ma tantx urewna l-gliedha kollha kont mort is- . . . . Registry fejn qghadt nara r-ritratti kollha li ghandna ta' suspettati biex*

[10] Fol. 106 tal-process.

*nipprova nqabbel mar-ritratti tas-suspettati. Fil-fatt kont hadt wkoll stqarrija lis-suspettati kollha, kont hadtilhom ritratti taghhom wkoll . . . . . kont wahhalt ir-ritratti u kont bghatt ghall-allegati vittmi fejn kienu irrilaxxaw dikjarazzjoni wkoll fejn gharfu xi persuni li kienu involuti f'dan l-incident."*[11]

Il-fatt li l-identifikazzjoni saret mill-Ispettur Micallef abbazi tal-investigazzjonijiet minnu maghmula ma tnaqqasx mil-livell probatorju taghha, anke tenut kont tal-mod ta' kif l-istess Spettur wasal ghal din l-identifikazzjoni. Apparti minn hekk il-filmat li fuqu hija bazata din l-identifikazzjoni huwa wiehed car kuntrarju ghaz-zewg filmati l-ohra li gew esebiti li ma tantx jipprovdu informazzjoni utili. Il-camera li gibdet il-filmat fid-Dokument TM 8 kienet wahda fissa li baqghet il-hin kollu tigbed l-istess xena. In oltre l-persuna ta' Ezekiel Mintoff u ta' William Briguglio jidhru ghal tul ta' hin fl-istess filmat ghax kienu ghal tul ta' hin qeghdin jinqabdu mill-istess kamera. Mhux il-kaz li dawn jidhru biss ghal ftit sekondi fuq il-filmat, f'liema kaz l-identifikazzjoni kienet tkun wahda difficli u mhux ta' min joqghod fuqha.

**<u>F'din it-tieni aggressjoni ghalhekk kienu involuti zgur Ezekiel Mintoff u William Briguglio</u>**.

- **<u>Il-Hin Indikat fl-Akkuza</u>**

Id-difiza tal-imputat ta' Ezekiel Mintoff tattakka l-fatt li l-hin li jidher fuq il-filmat li jimplika lill-istess imputat ma jaqax fil-hin li l-Prosekuzzjoni

[11] Fol. 106 tal-process.

indikat fl-akkuza. Apparti l-fatt li d-differenza bejn il-hin li jirrizulta mill-camera u dak indikat fl-akkuza hija biss ta' ftit minuti, mill-atti processwali jirrizultaw elementi ohra li jindikaw li l-fatti graw fil-hin indikat fl-akkuza:

(a) ma giex kontestat li z-zewg aggressjonijiet saru fi spazju ta' ftit minuti bejniethom;

(b) Il-filmat l-iehor li gie esebit bhala Dokument TM 7 qieghed jindika l-hin indikat mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni originali. Ghalkemm il-filmat mhux ta' kwalita tajba daqs id-Dokumen TM 8, mill-istess filmat xorta jidhru xi whud mill-moviment li jidhru fid-Dokument TM 8 u ghalhekk wiehed jista' facilment jasal ghall-konkluzjoni li Dokument TM 7 u Dokument TM 8 qeghdin jirreferu ghall-istess time-span.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma tqisx li dan l-argument tad-difiza huwa wiehed gustifikat. M'ghandux ikun hemm dubju li l-incident sehh kmieni filghodu fil-hin indikat mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni taghha.

Jonqos ghalhekk li jigi stabbilit l-entita tal-griehi sofferti mill-vittmi.

- **<u>In-Natura tal-Griehi Sofferti</u>**

Minn analizi tal-atti processwali, irrizulta bl-aktar mod car li z-zewg vittmi soffrew feriti ta' natura gravi fuq il-persuna taghhom. Dan hareg mix-xhieda ta' Dr David Agius (Fol. 127 et seq) u mix-xhieda ta' Dr Chris

Giordmaina (Fol. 266 et seq). Dr Agius bhala tabib specjalizzat fil-kura tal-ghajnejn kien ra lill-vittma Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u ikkonferma li kellu ksur fuq in-naha ta' gewwa tas-socket ta' ghajnejh ix-xellugija. Min-naha l-ohra Dr Chris Giordmaina kien ra liz-zewg vittmi u ikkonferma li t-tnejn li huma kellhom diversi griehi fosthom ksur f'diversi partijiet ta' gisimhom u li ghalhekk ikklassifika l-griehi bhala gravi.

Hemm wkoll ix-xhieda tal-espert forensiku Dr Mario Scerri li kien gie nominat mill-Qorti biex jirrelata fuq il-griehi li gew sofferti mill-vittmi. Dr Scerri fir-relazzjoni tieghu jikkonkludi li z-zewg vittmi soffrew feriti ta' natura gravi per durata kif wkoll feriti li kienu gravi in vista li dawn hallew sfregju fuq il-wicc tal-vittmi.

Rigward il-feriti ta' natura gravi per durata, jigi rilevat li l-artikolu tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar griehi ta' natura gravi per durata huwa l-artikolu 216(1)(d). Dan l-artikolu pero ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju bhala wiehed mill-artikoli li abbazi tieghu tista' tinstab htija fl-imputati u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli issib htija taht dan l-artikolu.

Ghar-rigward il-lacerazzjonijiet li kellhom il-vittmi f'diversi partijiet ta' wicchom, Dr Scerri jikkonkludi li dawn il-lacerazzjonijiet kienu kollha kagunati minn *blunt trauma*. Dawn kollha b'eccezzjoni ta' lacerazzjoni wahda kienu jidhru sew *from within talking distance*. Dan kollu jikkonferma li z-zewg vittmi soffrew sfregju f'wicchom rizultat tac-cikkatrici li gew kagunati rizultati tal-incidenti mertu tal-kaz u ghalhekk

wiehed jista' jitkellem minn griehi ta' natura gravi hekk kif kontemplat fl-artikolu 218(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk tenut kont ta' dak suespost, il-feriti li gew kagunati mil**l-imputati Simon Cassar, Jurghen Sghendo u Ezekiel Mintoff fil-konfront ta' Ali Alhasan kienu feriti ta' natura gravi.**

**Jurgen Sghendo** rrizulta wkoll li huwa ricediv[12] u dan il-punt sejjer jittiehed in kunsiderazzjoni fil-kalibrar tal-piena. Rigward Simon Cassar ghalkemm ingabet prova dwar ir-ricediva tieghu, n-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali riferibbli ghal Simon Cassar ma tindikax l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali bhala artikoli li abbazi taghhom tista' tinstab htija.

Punt li jitqajjem mid-difiza ta' Ezekiel Mintoff huwa li ma jistax jinghad fix-xhin gew kagunati l-feriti fuq il-persuna tal-vittma Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi. Taghti x'tifhem li dawn gew kagunati fl-ewwel aggressjoni. Ghalhekk anke jekk fil-filmat tirrizulta xi aggressjoni, wiehed ma jistax jistabilixxi jekk il-griehi gewx ikkagunati b' din l-aggressjoni partikolari. Id-difiza isejjes dan l-argument taghha ghaliex fil-filmat Dokument TM 8, Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi jidher li huwa gia kellu l-qmis imcappsa mid-demm. L-Atti processwali pero ma jissuffragawx din it-tezi tad-difiza. Din il-Qorti rat kemm -il darba u ezaminat u fliet fid-dettal dan il-vidoe footage markat bhala Dokument TM 8. Ghalkemm huwa minnu dak li isostni d-difiza ta' Ezekiel Mintoff u cioe li jidher demm fuq il-qmis ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi,

---

[12] Fol. 273 tal-process

wara l-aggressjoni li soffra l-istess vittma fejn huwa spicca fuq bankina liema aggressjoni tirrizulta fil-filmat Dokument TM 8, jidher id-demm hiereg minn ras il-vittma, liema demm jidher wkoll jcarcar tul il-bankina. Id-demm jidher wkoll hekk kif il-vittma jqum wara li jaghmel diversi minuti mitluf minn sensieh fuq il-bankina. Il-Qorti ghalhekk m'ghandix dubju li per konsegwenza ta' din it-tieni aggressjoni zgur li gew kagunati feriti fir-ras u fil-wicc tal-vittma. Il-posizzjoni tal-feriti fuq il-persuna ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi hekk kif deskritti minn Dr Mario Scerri fir-rapport tieghu huma kompatibbli mad-daqqiet li jidher li laqqat l-istess vittma fil-filmat u mal-posizzjoni li huwa spicca fiha wara li soffra l-aggressjoni li tidher b'mod car fid-Dokument TM 8.

Ghalhekk din il-Qorti wara li qieset l-atti processwali kollha, m'ghandix dubju li Ezekiel Gorg Mintoff aggredixxa b'mod vjolenti u ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi wkoll waqt din it-tieni aggressjoni, kif sewwasew juri l-istess filmat.

Id-daqqa li ta William Briguglio fuq ras Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u li tidher wkoll fil-filmat ma jidher li halliet l-ebda konsegwenza fuq il-persuna ta' Smadi ghaliex mir-rapport ta' Dr Mario Scerri ma jirrizultaw l-ebda feriti. Lanqas ma jirrizultaw xi feriti jew konsegwenzi mic-certifikati li inhargu dakinhar stess tal-incident. Ghalkemm possibilment l-atteggjament ta' William Briguglio jista' jitqies li jaqa' taht l-artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali, dan l-artikolu ma giex indikat fl-akkuzi fic-citazzjoni originali u lanqas fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju tal-Avukat Generali.

- **<u>L-Artikolu 238 tal-Kap. 9</u>**

Dan l-artikolu jistabilixxi: *"Kull min iqajjem rewwixta jew ġlieda bil-ħsieb li jagħmel omiċidju jew offiża fuq il-persuna, jeħel meta jinstab ħati: (a) jekk xi hadd jigi maqtul, il-piena stabbilita ghall-omicidju volotarju; (b) jekk xi ħadd jiġi offiż fuq il-persuna, il-piena għal dik l-offiża miżjuda bi grad."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Salerno u Fabrizio Salerno</u>** deciza fis-sitta.u ghoxrin (26) ta' Novembru 2018 kienet ikkwotat l-interpretazzjoni legali moghtija fir-Renju Unit ghal dan it-tip ta' delitt. Il-Qorti preseduta mill-Magistrat illum Imhallef Dr Aaron Bugeja kien ikkumentat hekk:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda dan l-istess reat, l-interpretazzjoni legali fir-Renju Unit ta' dan id-delitt jirrekjedi li l-kondotta ta' min jikkometti dan d-delitt ikun tali li persuna ta' temperament ordinarju li tkun preżenti fil-post fejn tkun qed titqajjem din il-ġlieda jew rewwixta tibża għall-inkoluminita' tagħha. In oltre t-theddida ma tistax tkun limitata biss għal theddida bil-fomm.*
>
> *Di piú : the offence envisages at least three persons: (i) the person using or threatening unlawful violence; (ii) a person towards whom the violence or threat is directed; and (iii) a person of reasonable firmness who need not actually be, or be likely to be, present at the scene. So*

*where D swiped with a knife towards a constable, J, the question was not whether a person of reasonable firmness in J's shoes would have feared for his personal safety but whether this hypothetical third person, present in the room and seeing D's conduct towards J, would have so feared'."*[13]

Applikati l-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-element ta' biza rikjest fit-terzi persuni prezenti minhabba l-komportament ta' whud mill-imputati. Anzi mill-filmati li gew esebiti dan is-sens ta' biza assolutament ma jirrizultax. Persuni li kienu prezenti jidhru jharsu b'mod passiv ghall-incident li kien qed isehh quddiemhom. Kif gia sottolineat din il-Qorti kellha l-opportunita tara l-filmati kollha li gew esebiti fl-atti u fl-ebda hin ma hadet l-impressjoni li fit-terzi persuni li segwew dan l-incident kien hemm xi indikazzjoni anke remota li kienu qeghdin jibzghu ghall-inkoluminita taghhom; anzi r-reazzjoni passiva taghhom aktar tindika li dan il-biza' ma kienx hemm.

Apparti minn hekk fl-artikoli tal-Avukat Generali, in kwantu jirrigwarda lill-imputati Simon Cassar u William Briguglio gie indikat l-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu u cioe dak li jistabilixxi l-piena applikabbli ghal xi hadd li jigi maqtul fir-rewwixta. Fil-kaz odjern fortunatament ma kien hemm l-ebda omicidju u allura fi kwalunkwe kaz tali akkuza ma setghet qatt tirrizulta fil-konfront ta' dawn iz-zewg imputati.

[13] Pagna 17 tas-sentenza. Kwotazzjoni bl-ingliz mehuda minn Davison (1992) Crim LR 31, CA – Smith and Hogan, Criminal Law – Seventh Edition (1992).

Ghalhekk ghar-ragunijet fuq premessi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni din il-Qorti mhix sejra issib htija fl-imputati.

- **<u>L-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

L-imputati kollha qeghdin jigu akkuzati wkoll li huma operaw bhala agenzija ta' gwardjan privat jew gwardjani privati jew hekk offrew is-servizzi taghhom u dan minghajr ma kellhom id-debita licenzja. L-artikolu 3 tal-Kap. 389 jaghmilha cara li: *"Ebda persuna ma għandha taħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat jew hekk toffri s-servizzi tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att."*

L-artikolu qieghed jimponi ghalhekk zewg rekwiziti importanti: **<u>li persuna tkun qed tahdem ta' gwardjan privat u li fil-mument li hija qieghda tahdem jew tippresta s-servizzi taghha hija ma jkollhiex il-licenzja rikjesta mil-ligi.</u>**

Fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Avukat Generali baghat lil Carmelo Zammit biex jigi processat ghal dawn l-akkuzi li kien qed jopera minghajr licenzja ta' gwardjan privat meta skont ir-records fl-ufficju tal-Pulizija stess esebiti fl-atti, dan irrizulta li kien kopert bid-debiti licenzji kontemplati taht il-Kap. 389 inkluz dik ghall-postijiet tad-diveritment. Fil-kaz ta' Carmelo Zammit ghalhekk dawn l-akkuzi ma jistghu qatt jirrizultaw.

Fir-rigward tal-hames (5) imputati l-ohra, l-unika prova li ingabet mill-Prosekuzzjoni kien li dawn l-imputati l-ohra jew kellhom licenzja ta' gwardjan privat biss li ma kinitx estiza ghall-postijiet tad-divertiment jew inkella ma kinux koperti b'licenzja fil-gurnata li ghalih tirreferi l-akkuza.[14]

Dak li ghamlet il-Prosekuzzjoni pero' kien biss li issoddisfat l-ewwel element tal-akkuza u cioe li fil-kaz tal-imputati Simon Cassar, William Briguglio, Carmel Sghendo, Jurgen Sghendo u Ezekiel-Gorg Mintoff ma kellhomx il-licenzji in regola ma' dak li jistabilixxi l-Att in kwantu jirrigwarda hidma f'postijiet tad-divertiment. Pero ma ingabet l-ebda prova li dawn l-individwi **kienu effettivament qeghdin jaghmlu x-xoghol ta' gwardjani privati ma' xi postijiet tad-divertiment partikolari fid-data u l-hin li ghalihom tirreferi l-akkuza.** Din il-Qorti ma tistax tistrieh bhala prova ta' impjieg u tal-fatt li l-imputati kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta' gwardjan privat sempliciment fuq il-fatt li xi whud mill-imputati jidhru fil-filmati b'T-Shirt iswed quddiem bieb ta' stabbiliment ta' diveriment partikolari. Din mhix prova sufficjenti fil-kamp penali li l-istess imputati kienu qeghdin jahdmu bhala gwardjani privati ma' postijiet tad-divertiment. Kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li tidhol aktar fid-dettal tal-investigazzjonijiet taghha u tressaq provi li juru b'mod car u inekwivoku li effettivament dawn il-persuni kienu qeghdin jahdmu ta' gwardjani mal-postijiet ta' divertiment. Fin-nuqqas ta' tali

[14] Skont ix-xhieda ta' PS 1157 Bertly Aquilina, Simon Cassar qatt ma applika ghal-licenzja ta' Private Guard. William Briguglio kien applika ghal-licenzja imma giet rifjutata. Carmelo Sghendo u Jurgen Sghendo kienu licenzjati biss bhala Private Guard. Ezekiel Gorg Mintoff kellu licenzja skaduta ta' Private Guard biss.

prova, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputati minn dawn l-imputazzjonijiet.

- **L-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali**

Rigward il-kontravvenzzjoni kontemplata taht dan l-aritkolu, kif gia senjalat f'gurisprudenza tal-Qrati taghna, jehtieg li tali ksur tal-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat dwar l-inkoluminita ta' persuna jew dwar l-inkoluminita ta' propjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.[15] Kif il-Qorti gia irrilevat fil-kunsiderazzjonijiet taghha aktar 'l fuq rigward l-artikolu 238 tal-Kap. 9, l-atti fl-ebda hin ma jindikaw li b'rizultat ta' dan l-incident f'xi hin persuni li ma kinux involuti fl-incident bezghu ghall-inkoluminita taghhom. Anzi r-reazzjoni passiva tat-terzi persuni hekk kif tirrizulta mill-filmati esebiti tindika li tali tip ta' biza' ma kienx hemm. Din l-imputazzjoni ghalhekk ma tirrizultax.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

(A) **Mhix qieghda issib lill-imputati William Briguglio, Carmelo Zammit u Carmel Sghendo hatja tal-akkuzi kollha li gew**

[15] Ara sentenza ta' din il-Qorti datata 3 ta' Frar 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marc Luigi Alwan (Kaz Nru 9/2017).

**migjuba fil-konfront taghhom u ghalhekk qieghda tilliberahom mill-imsemmija akkuzi**;

**(B)** **Mhix qieghda issib lill-imputati Simon Cassar, Jurgen Sghendo u Ezekiel-Gorg Mintoff hatja tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) akkuzi li gew migjuba fil-konfront taghhom u ghalhekk qieghda tilliberahom mill-imsemmija akkuzi;**

**(C)** **Mhux qieghda issib lill-imputat Simon Cassar hati li rrenda ruhu ricediv u ghalhekk qieghda tilliberah mill-imsemmija akkuza;**

(D) U Wara li rat l-artikoli 23, 31, 49, 50, 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib:

**(i)** **Lill-imputati Simon Cassar u Jurgen Sghendo hatja tal-ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfront taghhom u cioe li minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja fil-perikolu car ikkagunaw feriti ta' natura gravi u dan limitatament fuq il-persuna Ali Alhasan izda mhux fuq il-persuna ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi;**

**(ii)** **Lill-imputat Ezekiel-Gorg Mintoff hati tal-ewwel ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfront tieghu cioe li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-perikolu car ikkaguna**

**feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u Ali Alhasan;**

(iii) **Lill-imputat Jurgen Sghendo wahdu hati li huwa ricediv**.

**PIENA**

Il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputati Simon Cassar, Jurgen Sghendo u Ezekiel-Gorg Mintoff taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita`.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hatja jaghmlu xoghol bla hlas ta' sitt mitt (600) siegha bejniethom kif gej: **Simon Cassar ghall-perijodu ta' mija u hamsin (150) siegha, Jurgen Sghendo ghall-perijodu ta' mitejn (200) siegha u Ezekiel-Gorg Mintoff ghall-perijodu ta' mitejn u hamsin (250) siegha**, kif qed jigi speċifikat fl-ordni.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hatja bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hatja jonqsu li jikkonformaw ruhhom maghha jew jaghmlu xi reat iehor, il-hatja jkunu jistghu jinghataw sentenza għar-reat oriġinali.

A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-

Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputati Simon Cassar, Jurgen Sghendo u Ezekiel-Gorg Mintoff sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallsu bejniethom l-ammont totali ta' €1,764.55 rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni u cioe' l-ammont ta' €588.18 kull wiehed.

In oltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 383 u sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta Sami Mahmoud Ahmad Al Smadi u Ali Alhasan qieghda torbot lill-hatja taht obbligazzjoni taghhom infushom ghall-perijodu ta' sena millum u dan taht penali ta' elfejn ewro (€2,000) kull wiehed.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**